**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

Illum 25 ta' April 2022

**Rikors Numru 113/21**

**Prof. Andrew Borg**

**vs.**

**Awtorità tal-Artijiet**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors promutur ippreżentat fis-26 ta' Ottubru 2021 li permezz tiegħu ġie premess is-segwenti:-

1. *"Illi l-esponent, hawnhekk appellant, huwa l-propjetarju u jirrisjedi fil-propjeta' bl-isem 'Esmeralda' sitwata fi Triq il-Fortizza tal-Mosta, in-Naxxar;*

2. *Illi biswit ir-residenza tal-esponent hemm porzjon t'art, ara s-site plan hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok A', li tinsab fi stat t'abbandun u telqa, tant li preżentement u għal bosta snin ma serviet għal xejn għajr sabiex jiġi mormi materjal u oġġetti llegali;*

3. *Illi din il-porzjon t'art, minkejja li tinsab f'żona ta' żvilupp, ma tikkwalifikax sabiex tiġi żviluppata, u dan minħabba l-kunfigurazzjoni u l-qisien tagħha;*

4. *Illi l-esponent, is-sid tal-propjeta' adjaċenti, jixtieq jakkwista t-tali porzjon t'art sabiex ikun jista' jnaddafa, jikkultivaha u jużaha bħala ġardina mal-propjeta' tiegħu u mhux sabiex jiżviluppaha;*

5. *Illi għalhekk l-esponent issottometta applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Artijiet sabiex din il-porzjon t'art tinħareġ b'tender sabiex eventwalment huwa jkun jista' jissottometti l-offerta tiegħu, u dan ai termini tal-Artikolu 31 (a) jew l-Artikolu 31 (b) tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta;*

6. *Illi l-applikazzjoni sottomessa mill-esponent lill-Awtorita' tal-Artijiet ġiet rifjutata permezz ta' ittra mibgħuta mill-istess Awtorita' tal-Artijiet datata l-4 t'Ottubru, 2021 bin-numru tal-fajl L 702/1966/6 u bin-numru ta' referenza GLA1/2021/1420 li tinsab hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok B';*

7. *Illi r-raġuni mogħtija mill-Awtorita' tal-Artijiet kienet li din il-porzjon t'art hija sit ta' residwu f'żona li għandha valur kunsiderevoli u li għalhekk l-Awtorita' m'għandiex l-intenzjoni li tiddisponi minn dan is-sit minħabba potenzjal futur;*

8. *Illi l-esponent ħass ruħu aggravat minn din id-deċiżjoni u għalhekk qiegħed jinterponi dan l-umli appell lil dan l-Onorabbli Tribunal ai termini tal-Artikolu 57 tal-Att Dwar l-Awtorita' tal-Artijiet, Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta' Malta;*

9. *Illi minkejja li fid-deċiżjoni tagħha l-Awtorita' tal-Artijiet tenniet li l-art għandha valur kunsiderevoli, hija naqset milli tikkwantifika t-tali valur u bħal donna pressupponiet li l-esponent m'għandux il-mezzi sabiex jikkumpensa lill-Awtorita' għal din l-art;*

10. *Illi l-iskop għalfejn l-esponent jixtieq jakkwista t-tali porzjon t'art m'huwiex wieħed kummerċjali iżda huwa biss sabiex jikkultiva t-tali art minflok din titħalla fl-istat t'abbandun li tinsab fih preżentement;*

11. *Illi l-esponent jirriserva d-dritt li jipprovdi aggravji ulterjuri matul dawn il-proċeduri;*

*Għaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponent iġib dan ir-rikors a konjizzjoni ta' dan l-Onorabbli Tribunal, u jirriserva d-dritt li jipprovdi aggravji ulterjuri waqt is-smiegħ ta' dawn il-proċeduri, filwaqt li jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad id-deċiżjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet*

*moghtija nhar l-erbgħa (04) t' Ottubru tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021) rigwardanti r-rifjut tagħha għall-akkwist tal-porzjon t'art sitwata fi Triq il-Fortizza tal-Mosta, in-Naxxar, u dan skont dawk il-provvedimenti kollha li dan l-Onorabbli Tribunal jidhirlu li huma xierqa."*

Ra r-risposta tal-Awtorita` intimata ppreżentata fil-15 ta' Novembru 2021 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:

"

1. *Illi din hija risposta għar-Rikors tal-Appell ta' Profs Andrew Borg ( KU413662M);*

2. *Illi l-appellant qed jappella minn deċiżjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet datata l-erbgħa (4) ta' Ottubru , elfejn wieħed u għoxrin (2021) li permezz tagħha ġiet irrifjutata mill-istess Awtorita' , it-talba tar-rikorrenti biex:*
   *Request to the Lands Authrity tfor the Disposal of Governent Property in terms of Article 31 (a) or 31 ( b) of Chapter 573 of the Laws of Malta with reference to your request regarding site adjacent to 'Esmeralda'. Triq il-Fortizza tal-Mosta, Naxxar*

3. *Illi r-raġuni li ingħatat mill-Awtorita intimata f'dik l-istess ittra sureferita kienet peress li*
   *This is a residual site within an area which has a considerable value. Therefore the Authority does not intend to dispose of this site in view of the further potential'*

4. *Illi r-rikorrenti ħassu aggravat b'din id-deċiżjoni u għalhekk intavola dan l-appel;*
5. *Illi l-Awtorita' tal-Appella tirrileva dawn is-segwenti punti b'risposta għall-Appell tar-Rikorrent:-*

***Elenku ta' Punti fuq l-Aggravji tal-Appell***

I. *Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jsostni li:-*
   a. *..minkejja li fid-deċiżjoni tagħha l-Awtorita' tal-Artijiet tenniet li l-art għandha valur konsiderevoli, hija naqset milli tikkwantifika t-tali valur u bħal donnu pressuponiet li l-esponeent m'għandux il-meżżi sabiex jikkumpensa lill-Awtorita lill din l-Art*

II. *Illi dan l-aggravju huwa għal kollox infondat stante li l-Awtroita tal-Artijiet kwalifikat iċ-ċaħda billi mhux biss qalet*

*li s-sit għandu valur konsiderevoli , iżda li għandha potenzjal ulterjuri u għalhekk ma kinitx biħsibha tiddisponi minn din l-art u dan stante l-istess obbligazzjoni imposta mill-Liġi a tenur ta' Artikli 7)2)(c) tal-Kapitlu 563 tal-Liġijiet ta' Malta li jobbliga lill-Awtorita' intimata li* ***tamministra bl-aktar mod assolut sabiex isir l-aħjar użu tal-art kollha tal-Gvern ta'Malta***

III. *Illi l-appellant jibbaża it-tieni aggravju tiegħu fuq il-fatt li:-*
  a. *L-iskop li l-esponenti jixtieq jakkwista t-tali porzjon t'art m'huwiex wieħed kummerċjali iżda huwa biss sabiex jikkultiva t-tali art ....*

IV. *Illi bid-dovut rispetta dan ma jiċċentra xejn mar-raġuni ta' rifjut li tat l-Awtorita' intimata, li irrispettivament minn kif l-appellant ser juża ll-art mertu tal-każ de quo, ma jbiddilx il-potenzjal li għandha l-art in kiwstjoni u għalhekk sta għall-Gvern ta' Malta kif juża dan l-ass bl-aħjar mod possibli bħala bonus pater familias għall-ġid tal-poplu Malti u Għawdxi kollu;*

V. *Illi l-Awtorita qed tirriserva argumenti u provi ulterjuri*

VI. *Illi għalhekk m'hemm l-ebda raġuni għala dan l-Appell għandu jintlaqa'*

*Għaldaqstant l-esponenti, filwaqt li ġġib din ir-risposta a konjizzjoni ta' dan l-Onoroabbli Tribunal , u tirriserva d-dritt li tipprovdi raġunijiet u provi ulterjuri waqt is-smigħ ta' din il-kawża, titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal biex jikkonferma d-deċiżjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet datata erbgħa(4) ta' Ottubru elfejn wieħed u għoxrin (2021) u tiċħad dan l-appell;*

*Salv kull provediment li dan l-Onorabbli Tribunal jidhirlu xieraq."*

Ra l-provi mressqa mir-rikorrent;

Ra l-provi mressqa mill-Awtorita` intimata;

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għal sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorità tal-Artijiet komunikata lilu permezz ta' ittra datata 4 ta' Ottubru 2021 li permezz tagħha ġie mgħarraf illi t-talba tiegħu għal trasferiment ta' biċċa art ġewwa Triq il-Fortizza tal-Mosta, Naxxar kienet qiegħda tiġi rifjutata stante li l-art għandha valur konsiderevoli u li l-Awtorita` ma kellhiex ħsieb li titrasferixxi l-istess sit in vista tal-potenzjal li kellha l-istess art.

Illi jirriżulta illi s-sit in kwistjoni jinsab eżattament adjaċenti għall-proprjetà tar-rikorrent. Jirriżulta wkoll illi f'April 2021 huwa kien issottometta applikazzjoni sabiex jakkwista l-istess porzjon ta' art.[1] Fl-imsemmija applikazzjoni huwa indika li s-sit in kwistjoni huwa wieħed abbandunat u jintuża bħala *dumping site* u għalhekk xtaq jakkwistah u jinkorporah mal-ġnien tiegħu. Ir-rikorrent issotolineja wkoll il-fatt li l-istess sit kien f'żona ta' żvilupp pero` d-daqs tiegħu ma jikkwalifikax għall-permess ta' żvilupp.

Illi minn qari tar-rikors promutur l-aggravju prinċipali tar-rikorrent huwa illi l-Awtorita` intimata naqset milli tikkwantifika l-valur tal-art u skont hu bħal donnu assumiet li m'għandux il-mezzi sabiex jixtriha. Jispjega li l-appell tiegħu huwa msejjes fuq tliet prinċipji kardinali fix-xogħol tiegħu bħala tabib, u ċioe` l-"*common good, fairness* u *legitimate expectation.*"

Ir-rikorrent xehed ukoll illi dan is-sit ġie inkluż f'numru ta' applikazzjonijiet għall-iżvilupp sottomessi minn terzi, u dan minkejja li huwa art pubblika. Jispjega li huwa jixtieq li din l-art jutilizzaha għal skop agrikolu.

Malcolm Scerri, *Senior Manager* mal-Awtorita` intimata, spjega illi meta ġiet biex tikkunsidra l-applikazzjoni tar-rikorrent, l-Awtorita` qieset li jkun iktar għaqli li ma tnaqqarx mill-art li għandha fiż-żona. Huwa spjega li l-art in kwistjoni għadha faċċata fuq it-triq u allura f'każ li tiġi amalgamata ma' xi sit ieħor, mhux neċessarjament tal-Gvern, il-valur tagħha jkun wieħed konsiderevoli.

**Ikkunsidra:**

Illi t-Tribunal josserva illi ai termini tal-artikolu 7 (2) (c) tal-Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Awtorità tal-Artijiet għandha l-funzjoni li "*tamministra*

[1] Ara applikazzjoni a fol. 46

*bl-akbar mod assolut sabiex isir l-aħjar użu tal-art kollha tal-Gvern ta' Malta…"* Illi għaldaqstant, dak li jrid jeżamina dan it-Tribunal huwa jekk bid-deċiżjoni appellata l-Awtorità intimata mxietx in linea mal-obbligi mposti fuqha bil-Liġi jew inkella mod ieħor.

Illi d-deċiżjoni appellata hija waħda ċara u univoka, u ċioè, l-Awtorità intimata ħasset illi ma kellhiex tiddisponi mill-art stante li s-sit huwa wieħed residwali f'*area* ta' valur konsiderevoli u għalhekk ma kellhiex ħsieb li tiddisponi minnu in vista tal-istess potenzjal. Kwindi l-Awtorita` ma qalitx, kif donnu fehem ir-rikorrent, li assumiet li huwa ma kellux mezzi biex iħallas għax-xiri tal-istess sit. Dak li ddeċidiet l-Awtorita` kien li s-sit in kwistjoni jinsab f'*area* ta' valur konsiderevoli u kwindi ma kienx għaqli li tiddisponi minnu fil-mument li talab ir-rikorrent. Kif spjega Malcolm Scerri fix-xhieda tiegħu il-potenzjal tas-sit huwa li għandu faċċata fuq it-triq u għalhekk fl-ipoteżi li jiġi amalgamat ma' xi sit retropost għalih iżid konsiderevolment il-valur tiegħu.

Illi fil-fehma tat-Tribunal il-prinċipji msemmija mir-rikorrent waqt ix-xhieda tiegħu, u ċioe` l-*common good*, *fairness* u *legitimate expection* mhux kollha japplikaw għall-każ in diżamina. Ċertament ir-rikorrent ma jista' jkollu l-ebda tip ta' aspettattiva leġittima li s-sit joħroġ għall-bejgħ jew li jekk joħroġ għall-bejgħ dan jiġi ttrasferit bil-fors lilu. Fir-rigward tal-prinċipji tal-*common good* u *fairness* it-Tribunal huwa tal-fehma illi dawn huma prinċipji li għandhom jiggwidaw id-deċiżjonijiet tal-Awtorita`. Fil-każ in eżami it-Tribunal ma jsibx illi l-Awtorita` marret lil hinn minn dawn il-prinċipji u dana għaliex jekk l-Awtorita` qiegħda tara li s-sit jista' jkollu potenzjal ikbar jekk jirrikorru ċerti ċirkostanzi, allura tkun ħarset l-istess prinċipji.

Illi kif dan it-Tribunal qal numru ta' drabi, anke jekk għall-grazzja tal-argument l-għan ta' min japplika biex jakkwista art tal-Gvern ikun wieħed lodevoli, l-Awtorità intimata ċertament mhix obbligata li b'xi mod tiddisponi minn art pubblika. L-Awtorita` intimata trid tamministra l-art pubblika b'dik id-diliġenza ta' *bonus paterfamilias* u f'każ li tħoss li ma jkunx għadu l-mument li tiddisponi minn xi biċċa art in vista tal-potenzjal tagħha, allura m'hemm xejn x'wieħed jiċċensura minn tali deċiżjoni. Anzi li kieku tagħmel mod ieħor tkun qiegħda tonqos mill-obbligi tagħha.

Illi għaldaqstant, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Awtorita` intimata kienet raġjonevoli meta ddeċiediet li l-art in kwistjoni ma tiddisponix minnha, għallinqas għalissa, in vista tal-potenzjal tagħha. Mill-*case officer report*

esebit a fol. 40 jirriżulta illi l-istess sit kien ħareġ b'sejħa għall-offerti fl-2010 wara talba li saret mis-sid tas-sit adjaċenti għal dak tar-rikorrent. Jirriżulta li l-uniku offerent kien l-istess sid b'offerta ta' €6000. Din l-offerta ma ġietx aċċettata stante li l-offerta minima kienet stabbilita għas-somma ta' €100,000. Kwindi dwar il-fatt li s-sit għandu valur konsiderevoli m'hemmx dubju, iktar u iktar meta wieħed iqis li fl-2010 dan kien stmat li jiswa €100,000.

Illi dwar il-fatt li s-sit jinsab abbandunat u jiġi mormi fih ammont ta' skart ċertament m'għandux jimmilita favur li l-Awtorita` tiddisponi mill-istess art biex dan l-abbuż ma jibqax isir. Filwaqt li dan it-Tribunal jiddeplora li jkun hemm terzi li jwettqu dan l-abbuż, l-Awtorita` tista' tieħu dawk il-passi sabiex tikkawtela l-proprjeta` tagħha minn tali abbuż, pero` dan ma jfissirx li neċessarjament trid tiddisponi minnha bil-mod kif rikjest mir-rikorrent.

Illi għalhekk, fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal, ma hemm xejn irraġjonevoli jew irregolari f'deċiżjoni fejn l-Awtorita` iddeċidiet li in vista tal-potenzjal li jista' jkollha biċċa art pubblika ma tiddisponix minnha kif jixtieq ir-rikorrent. Illi fl-aħħarnett it-Tribunal jissottolineja illi r-rikorrent dejjem se jibqagħlu d-dritt li jitfa' l-offerta tiegħu f'każ li eventwalment dan is-sit joħroġ għall-bejgħ b'sejħa għall-offerti, u dana għaliex f'każ li l-Awtorita` intimata tkun tal-opinjoni li jkun wasal iż-żmien li tiddisponi mill-istess sit hija trid neċessarjament toħroġ sejħa għall-offerti, liema sejħa hija waħda pubblika u regolata bil-liġi.

**Decide**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, it-Tribunal qiegħed jiċħad l-appell tar-rikorrent u jilqa' r-risposta tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

**Maġistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**